# Leħen il-Fgura

*Sena 58 Nru. 378 Diċembru 2025*





*Messaġġ mill-Kappillan*

**Sena Ġdida – Bidu Ġdid**

Għeżież,

Il-festi tal-Milied iġibu magħhom it-tmiem ta' sena li tkun għaddiet kif ukoll il-bidu ta' sena ġdida. Huwa żmien fejn nagħtu ħarsa lura u nirriflettu fuq dak li nkunu għaddejna minnu matul dik is-sena li tkun se tispiċċa u nitfgħu il-ħarsa tagħna fuq is-sena li nkunu se nibdew.

Dan huwa l-mument ideali biex niddedikaw ħin għar-riżoluzzjonijiet tas-Sena l-Ġdida. Ir-riżoluzzjonijiet huma wegħdiet żgħar li nagħmlu magħna nfusna biex intejbu xi aspett tal-ħajja tagħna. Xi wħud jistgħu jagħżlu li jibdew jieklu b'mod aktar san, jagħmlu aktar eżerċizzju jew jiffrankaw il-flus. Oħrajn jistgħu jippreferu li jiffokaw fuq is-saħħa mentali, bħall-qari ta' iktar kotba jew li jqattgħu aktar ħin mal-familja u ħbieb. Bħala nsara, waħda mir-riżoluzzjonijiet għanda tkun li nikbru aktar fl-imħabba tagħna lejn Alla u lejn dawk ta' madwarna.

Madankollu, mhux dejjem faċli li nżommu ruħna mal-wegħdiet tagħna. L-aktar ħaġa importanti hija li nagħżlu għanijiet li huma realistiċi u li jgħinuna nkunu aħjar, mhux perfetti. Tajjeb ukoll li nifhmu li kull pass żgħir jikkontribwixxi għall-progress tagħna.

Is-Sena l-Ġdida tfisser bidu ġdid – opportunità biex nirriflettu, nitgħallmu mill-passat u nħarsu 'l quddiem b'mod pożittiv. Ir-riżoluzzjonijiet jistgħu jkunu l-ewwel pass lejn sena mimlija kisbiet u sodisfazzjon personali. Fi tmiem il-ġurnata, l-iktar ħaġa importanti hija li nħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu u kuraġġ.

Is-Sena l-Ġdida nibdewha bis-Solennità ta' Marija Omm Alla. Nitolbu lil Patruna tant għażiża tagħna biex tħarisna tul is-sena l-gdida u takkumpanjana fil-mixja tal-ħajja tagħna ta' kuljum biex ngħarfu nħobbu iżjed lil binha Ġesu.

Flimkien mal-Pirjol u ħuti l-Patrijiet nawgura lilkom u lill-famiji tagħkom il-Milied it-Tajjeb u sena mimlija barka u risq.

P. Raymond Calleja O. Carm
Kappillan

**Il-Kappillan u l-Pirjol**
**flimkien mal-komunità Karmelitana**
**u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali**
**jawguraw il-Milied u s-Sena t-tajba**
**lil kulħadd**



## Djarju tal-Parroċċa

| | |
|---|---|
| **Diċembru 2025** | |
| **Il-Ġimgħa 5** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar<br>Adorazzjoni wara l-quddiesa tat-8:30am u tas-6:30pm.<br>10:00am: Quddiesa u adorazzjoni fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna. |
| **Is-Sibt 6** | L-Ewwel Sibt tax-xahar<br>Rużarju meditat fiċ-ċentru parrokkjali wara l-quddiesa tat-7:45am. |
| **Il-Ħadd 7** | It-Tieni Ħadd tal-Avvent<br>Il-quddiesa tad-9:30am tkun bis-sagrament tal-magħmudija. |
| **It-Tnejn 8** | Solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni |
| **L-Erbgħa 10** | 5:00pm: Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fiċ-ċentru parrokkjali. |
| **Il-Ħadd 14** | It-Tielet Ħadd tal-Avvent<br>Għeluq is-80 sena mill-wasla tal-Patrijiet Karmelitani fil-Fgura. Fil-quddiesa tad-9:30am niċċelebraw dan l-anniversarju. |
| **Mit-Tnejn 15 sat-Tlieta 23** | Novena tal-Milied<br>Matul il-granet tan-novena, l-quddiesa tas-6:30pm tkun animata minn diversi għaqdiet. |
| **L-Erbgħa 17** | Coffee Morning. Tluq fit-8:30am. |
| **Il-Ħadd 21** | Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent<br>9:30am: Quddiesa għat-tfal animata mill-membri tal-Musuem. |
| **L-Erbgħa 24** | Lejliet il-Milied<br>Fil-5:30pm u fis-6:30pm ikollna l-quddies tal-Vġili.<br>5:30pm: Purċissjoni bil-Bambin mill-Museum tas-Subien.<br>Bil-lejl il-knisja tiftaħ fl-10:30pm.<br>Fil-11:00pm: Uffiċċju tal-Qari u Velja tal-Milied bis-sehem tal-Kor Parrokkjali.<br>Fil-11:45pm tibda t-translazzjoni bil-Bambin u ssir il-priedtka tat-tfal minn Jean Paul Brincat u Hazel Harmer<br>F'Nofs il-lejl tibda' konċelebrazzjoni solenni tal-festa tal-Milied. |
| **Il-Ħamis 25** | Solennità tat-Twelid ta' Ġesù – Festa kmandata |
| **Il-Ġimgħa 26** | 6:30pm: Quddiesa li fiha ssir il-vestizzjoni tal-abbatini l-ġodda. |
| **l-Ħadd 28** | Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.<br>9:30am: Quddiesa kantata. Mistiedna għal din il-quddiesa dawk il-koppji li din is-sena qed jiċċelebraw anniversarju speċjali miż-żwieġ tagħhom. |
| **L-Erbgħa 31** | L-Aħħar tas-Sena<br>Filgħaxija jkollna l-adorazzjoni bejn l-4:30pm u 5:30pm u l-quddies fil-5:30pm u 6:30pm.<br>Fi tmiem il-quddiesa tas-6:30pm jitkanta it-Te Deum bħala ringrazzjament għal dak kollu li Alla għamel matul din is-sena u tingħata l-barka sagramentali. |
| **Jannar 2026** | |
| **Il-Ħamis 1** | Solennità ta' Marija Omm Alla u Jum il-Paċi – Festa Kmandata |
| **Il-Ġimgħa 2** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar<br>Adorazzjoni wara l-quddiesa tat-8:30am u tas-6:30pm.<br>10:00am: Quddiesa u adorazzjoni fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna. |
| **Is-Sibt 3** | L-Ewwel Sibt tax-xahar<br>Rużarju meditat fiċ-ċentru parrokkjali wara l-quddiesa tat-7:45am. |
| **Il-Ħadd 4** | Solennità tal-Epifanija tal-Mulej.<br>Dakinhar il-Programm Bonġu Malta se jkun imxandar mill-Fgura. Il-quddiesa tad-9:30am tkun immexxija mill-Arċisqof ta' Malta E.T. Mons Charles J. Scicluna. |
| **L-Erbgħa 7** | Coffee Morning. Tluq bil-private fit-8:30am. |

| | |
|---|---|
| **Il-Ħadd 11** | Festa tal-Magħmudija tal-Mulej<br>Il-quddiesa tad-9:30am tkun bis-sagrament tal-magħmudija. |
| **L-Erbgħa 14** | Coffee Morning. Tluq bil-private fit-8:30am.<br>5:00pm: Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fiċ-ċentru parrokkjali. |
| **Mill-Ħadd 18 sal-Ħadd 25** | Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. |
| **Il-Ħadd 25** | It-Tielet Ħadd ta' Matul is-Sena u Ħadd il-Kelma ta' Alla |
| **L-Erbgħa 28** | Coffee Morning. Tluq bil-private fit-8:30am. |
| **Is-Sibt 31** | 5:30pm: Quddiesa tal-Annversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja |
| **Frar 2026** | |
| **Il-Ħadd 1** | L-Anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja u t-twaqqif tal-Parroċċa<br>Il-quddiesa tad-9:30am tkun bis-sagrament tal-magħmudija. |
| **It-Tnejn 2** | Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej u Jum il-Ħajja kkonsagrata<br>6:30pm: Quddiesa tal-Kandlora bit-tberik tax-xemgħa. |
| **Il-Ġimgħa 6** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar<br>Adorazzjoni wara l-quddiesa tat-8:30am u tas-6:30pm.<br>10:00am: Quddiesa u adorazzjoni fiċ-ċentru pastorali ta' Triq il-Liedna. |
| **Is-Sibt 7** | L-Ewwel Sibt tax-xahar<br>Rużarju meditat fiċ-ċentru parrokkjali wara l-quddiesa tat-7:45am. |
| **It-Tnejn 9** | Lejliet San Pawl, filgħaxija jkollna żewġ quddisiet fil-5:30pm u fis-6:30pm. |
| **It-Tlieta 10** | Solennità tal-Appostlu Missierna San Pawl<br>Illum hemm l-obbligu tal-quddies. Il-ħin tal-quddies ikun bħal ta' nhar ta' Ħadd. |
| **L-Erbgħa 11** | L-ewwel dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes<br>Coffee Morning. Tluq bil-private fit-8:30am.<br>5:00pm: Laqgħa għat-Terzjarji Karmelitani fiċ-ċentru parrokkjali. |
| **L-Erbgħa 18** | Ras ir-Randan u l-Erbgħa tal-Irmied (Jum ta' Sawm u Astinenza) |
| **L-Erbgħa 25** | Coffee Morning. Tluq fit-8:30am. |

**Tberik u Żjajjar tal-Familji**

**It-Tlieta 13 ta' Jannar -** Triq il-Kampanella minn Triq San Tumas sa Triq is-Sur (żewġ naħat)
**Il-Ġimgħa 16 ta' Jannar** – Triq il-Kampanella minn Triq San Tumas sa Triq San Pietru (naħa numri biż-żewġ)
**It-Tlieta 20 ta' Jannar** – Triq il-Kampanella minn Triq San Tumas sa Triq San Pietru (naħa numri bil-fard)
**Il-Ġimgħa 23 ta' Jannar** – Triq il-Kampanella minn Triq San Pietru sa Triq San Mikiel (naħa numri biż-żewġ)
**It-Tlieta 27 ta' Jannar** – Triq il-Kampanella minn Triq San Pietru sa Triq San Mikiel (naħa numri bil-fard)
**Il-Ġimgħa 30 ta' Jannar** – Triq il-Liedna (naħa numri biż-żewġ)
**Il-Ġimgħa 6 ta' Frar** – Triq il-Liedna (naħa numri bil-fard)
**Il-Ġimgħa 13 ta' Frar** – Triq is-Sur naħa ta' Bormla (naħa numri biż-żewġ)
**Il-Ġimgħa 20 ta' Frar** – Triq is-Sur naħa ta' Bormla ( naħa numri bil-fard)
**It-Tlieta 24 ta' Frar** – Triq San Pietru numri biż-żewġ
**Il-Ġimgħa 27 ta' Frar** – Triq San Pietru numri bil-fard



## San Ġwann Tas-Salib



San Ġwann tas-Salib għex fi żminijiet imqallba u diffiċli fl-istorja tal-Knisja. Kultant aħna nħarsu lejn dak li qed jiġri fi żmienna u nimmaġinaw li hu l-iktar żmien iebes u mħawwad, imma naħseb min għandu sens ta' storja mhux bilfors jasal għall-istess konklużjoni. San Ġwann tas-Salib kien poeta, artista, teologu, direttur spiritwali, u ta kontribut speċjali f'dawn iż-żminijiet imqallba li għex fihom. Kien qisu d-dawl li jiddi fid-dlam.

Alla kien kollox għal San Ġwann tas-Salib. Il-fidi sħiħa fih kienet dik li mexxietu ħajtu kollha. F'Alla kien isib dak li tassew jista' jimla l-qalb, li jagħti l-ħajja u jwassal għall-ħajja ta' dejjem f'għaqda miegħu. Dan hu messaġġ importanti għalina. Alla hu kollox għalina, ir-relazzjoni miegħu fi Kristu hi dik li tagħtina l-ħajja u l-qawwa li neħtieġu.

San Ġwann tas-Salib għex ħajja ta' mħabba. Fil-kitba tiegħu u f'ħajtu tispikka din l-imħabba. Kienet l-imħabba ta' Alla f'ħajtu li mbagħad tfur lejn l-oħrajn. Hu għaraf li fil-ħajja dik hi tassew l-isbaħ esperjenza: li tħobb u tkun maħbub. San Ġwann tas-Salib mhux dejjem sab dan l-ambjent ta' mħabba. Imma hu kien jgħid: "Fejn ma ssibx imħabba, qiegħed l-imħabba u tieħu l-imħabba." Dan ukoll messaġġ sabiħ, u talba li nagħmel għalina, biex fil-ħajja tagħna personali u fil-parroċċa tkun l-imħabba li tmexxina, li tgħaqqadna flimkien kif talaba Ġesù li "nkunu lkoll ħaġa waħda". Fejn ma nsibux din l-imħabba, nibdew aħna nitfgħu ż-żerriegħa ta' mħabba, u mbagħad nibdew insibuha.

San Ġwann tas-Salib għadda minn ħafna tbatija f'ħajtu. Sa minn meta kien żgħir, b'esperjenzi differenti fil-familja, imma wkoll tul is-snin. Sofra wkoll minn sħabu stess reliġjużi u spiċċa l-ħabs. Għadda, fi kliemu, mil-lejl mudlam. Imma hu dejjem ħares lejn it-tbatija bħala dik li tifdi, tippurifika. U ħaġa li tolqtok hi kif it-tbatija kollha li għadda minnha ħarġet minnu s-sabiħ, it-tajjeb. Il-poeżija sabiħa u profonda tiegħu hi kemm-il darba frott it-tbatija. Hu għamel l-esperjenza li jgħid Isaija: "La tibżax… Jekk taqsam ix-xmajjar, ma jgħarrqukx; jekk tgħaddi min-nar, ma tinħaraqx, u l-fjamma ma tibilgħekx." (Isaija 43:2) Dan ukoll hu ta' dawl għal ħajjitna. Aħna ngħaddu minn tbatija fil-ħajja tagħna personali; fil-komunità parrokkjali wkoll tiltaqa' ma' ħafna tbatija. Nitolbu lill-Mulej biex għalina wkoll tkun tbatija li ngħixuha magħqudin ma' Alla biex tkun tbatija li tifdina, li tippurifika, u li tagħmilna mbagħad sensittivi għal dawk kollha li qed isofru madwarna.

*Addattata minn Omelija ta' E.T Isqof Awżiljaru Joe Gelea Curmi li saret fit-18 ta' Novembru 2018*

**Pellegrinaġġ għal-Lourdes**
**Mid-9 sat-13 ta' Mejju 2026**



Inżuru: Il-Grotta fejn dehret il-Madonna, u postijiet marbuta ma' S. Bernardetta.

Direttur Spiritwali: Patri Joe Saliba O. Carm
Prezz jibda minn: €713, esklużi l-eskursjonijiet, is-city tax u d-donazzjoni lis-Santwarju. Dettalji u booking: Ibgħat email fuq joesaliba2011@gmail.com
Jew ċempel fuq: 79708756. Postijiet limitati.

**Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkajli**

It-Tnejn, u s-Sibt mid-9:00am sal-10:00am
It-Tnejn u l-Erbgħa mill-5:00pm sas 6:00pm
Tel: 21827900/21661745 Mob: 99872677
Email: parrocca.fgura@maltadiocese.org

